



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 30 ta' April 2012
(OR. en)**

18200/10

**Fajl Interistituzzjonali:
2010/0340 (NLE)**

**ASIE 85
COASI 226
PVD 46
RELEX 1142
COMER 239
POLGEN 228
OC 3**

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra

LINJI GWIDA KOMUNI

Data tal-għeluq tal-konsultazzjoni għall-Kroazja: 11.5.2012

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Koope razzjoni
Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-
Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 79(3), 91, 100, 207 u 209 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Mejju 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim Qafas mar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi* ("il-Ftehim").
- (2) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jaqgħu fl-ambitu tal-Parti Tlieta, Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jorbtu lir-Renju Unit u lill-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, u mhux bħala parti mill-Unjoni Ewropea, sakemm l-Unjoni Ewropea flimkien mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda ma jinnotifikawx b'mod konġunt lir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam li r-Renju Unit jew l-Irlanda jintrabtu bħala parti mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk ir-Renju Unit u/jew l-Irlanda ma jibqgħux marbutin bħala parti mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 4a tal-Protokoll (Nru 21), l-Unjoni Ewropea flimkien mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda għandhom jinfurmaw minnufih lir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam bi kwalunkwe bidla fil-pożizzjoni tagħhom, u f'dan il-każ għandhom jibqgħu marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim f'isimhom stess. L-istess japplika għad-Danimarka f'konformità mal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness ma' dawk it-Trattati.

* Delegazzjonijiet: ara d-dokument st 18204/10.

- (3) Fejn ir-Renju Unit u/jew l-Irlanda ma jkunux ipprovdew in-notifika meħtieġa taħt l-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, huma ma jidhdux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill ta' din id-Deċiżjoni sa fejn hija tkopri dispożizzjonijiet skont il-Parti Tlieta, Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-istess japplika għad-Danimarka f'konformità mal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim^{1*}.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussel, [...]

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjonijiet se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.

* Delegazzjonijiet: ara d-dokument st 18204/10.